

Brussell, 15 ta' April 2020
(OR. en)

7344/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0140(COD)

TRANS 155
MAR 51
MI 113
COMER 39
CYBER 50
ENFOCUSTOM 47
DATAPROTECT 38
CODEC 280

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	15 ta' April 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 118 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 118 final.

Mehmuż: COM(2020) 118 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.4.2020
COM(2020) 118 final

2018/0140 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. KUNTEST

Il-proposta għal Regolament dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eTFI) ġiet adottata mill-Kummissjoni fis-17 ta' Mejju 2018 bħala parti mit-tielet pakkett "L-Ewropa Attiva". Il-proposta għandha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb l-effiċjenza fit-trasport u fil-loġistika billi tippermetti skambji diġitali fir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-awtoritajiet.

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

(dokument COM(2018) 279 final – 2018/0140 COD):

is-17 ta' Mejju 2018.

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:

is-17 ta' Ottubru 2018.

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:

it-12 ta' Marzu 2019.

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:

Mhux applikabbli.

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:

is-7 ta' April 2020.

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni tikkostitwixxi inizjattiva leġiżlattiva ġdida bl-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv u ssaħħa l-effiċjenza tas-settur tat-trasport, billi tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal użu usa' tat-teknoloġiji diġitali għall-iskambji ta' informazzjoni regolatorja bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet. Din tistabbilixxi sett ta' rekwiżiti uniformi għall-iskambju ta' informazzjoni regolatorja dwar il-merkanzija trasportata fit-territorju tal-UE, b'format elettroniku.

Il-proposta tal-Kummissjoni ma tistabbilixxi rekwiżiti ġodda ta' informazzjoni. Pjuttost, din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet huma obbligati jaċċettaw l-informazzjoni ppreżentata b'format elettroniku. Il-kundizzjoni ewlenija hija li meta jippreżentaw l-informazzjoni b'mod elettroniku lill-awtoritajiet, l-operaturi ekonomiċi jużaw pjattaformi siguri u ċertifikati bbażati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Fl-istess ħin, il-proposta tal-Kummissjoni teħtieġ li l-awtoritajiet jużaw sett ta' regoli u proċeduri komuni, inkluż speċifikazzjonijiet tekniċi, biex jaċċessaw u jipproċessaw l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi elettronikament. L-operaturi se jkollhom l-għażla, iżda mhux l-obbligu, li jużaw dawn il-mezzi elettroniċi minflok il-karti.

L-ambjent diġitali l-ġdid se jiddependi primarjament fuq skambji tal-informazzjoni bejn magna u oħra, għalkemm il-formati ta' "dokument" li jista' jinqara mill-bniedem se jibqgħu jiġu appoġġati biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet ta' infurzar tagħhom fiċ-ċirkostanzi kollha.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti bis-sħiħ il-ftehim politiku milħuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2019. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim, peress li dan jibqa' konformi mill-qrib mal-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni u mad-dispożizzjonijiet speċifiċi ewlenin kollha proposti mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-kisba ta' dawk l-għanijiet. Il-bidliet introdotti mill-Kunsill għandhom l-għan li jkomplu jiċċaraw jew jagħtu dettalji dwar id-dispożizzjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni. Dan jinkludi l-emendi li jikkonċernaw l-elementi ewlenin tal-proposta – il-kamp ta' applikazzjoni, l-aspetti li jridu jiġu ddeterminati iżjed permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u ta' atti delegati, il-perjodu tal-implimentazzjoni u r-reviżjoni futura:

- Il-proposta tal-Kummissjoni stabbiliet kamp ta' applikazzjoni definit sew u ffukat tar-rekwiżiti ta' informazzjoni li dan ir-Regolament japplika għalih, kif stabbilit f'għadd ta' atti legali nazzjonali u tal-UE li jirregolaw it-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni, elenkati jew li għandhom jiġu elenkati fl-Anness I tar-Regolament. Il-pożizzjoni tal-Kunsill ippriżervat il-kamp ta' applikazzjoni ffukat, iżda żammet biss ir-referenzi għall-artikoli rilevanti tal-atti rispettivi tal-UE u ressqet dawn ir-referenzi mill-Anness għat-test prinċipali tar-Regolament. Il-Kunsill żied ukoll referenza għall-atti futuri ta' implimentazzjoni jew delegati tad-Direttiva 2016/797/UE dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, f'każ li tali atti jiġu adottati jew emendati biex jinkludu r-rekwiżiti ta' informazzjoni li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Fis-sustanza, il-pożizzjoni tal-Kunsill ma tbiddilx il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, u l-Kummissjoni taċċetta dawn l-emendi.
- Minħabba n-natura teknika ħafna tal-implimentazzjoni tal-ambjent tal-eFTI tal-ġejjieni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tipprevedix id-dettalji kollha tal-arkitettura tas-sistema, iżda biss il-komponenti ewlenin tagħha u r-rekwiżiti tal-funzjonalità li dawn il-komponenti jridu jissodisfaw. Ġie propost li dawn ir-regoli dettaljati u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiġu adottati fi stadju aktar tard permezz ta' atti tal-Kummissjoni, li fil-biċċa l-kbira huma atti ta' implimentazzjoni. F'konformità mal-għanijiet tal-Kummissjoni, il-Kunsill ta aktar gwida dwar l-adozzjoni ta' dawn ir-regoli u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, b'mod partikolari li l-Kummissjoni trid tiżgura l-interoperabbiltà tas-sett tad-*data* komuni tal-eFTI u tas-subgruppi tal-eFTI ma' mudelli ta' *data* rilevanti li huma aċċettati internazzjonalment jew fil-livell tal-Unjoni, u li kull speċifikazzjoni li tiġi adottata fir-rigward tal-pjattaformi tal-eFTI tibqa' newtrali teknoloġikament sal-aktar estent possibbli. Il-pożizzjoni tal-Kunsill biddlet ukoll in-natura tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni – minn setgħat ta' implimentazzjoni għal setgħat delegati – għall-istabbiliment tas-sett ta' *data* komuni tal-eFTI u s-subsettijiet ta' *data* tal-eFTI li jikkorrispondu għall-informazzjoni regolatorja fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Din l-aħħar bidla seħħet ukoll b'reazzjoni għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew li fl-ewwel qari talab għal involviment akbar tal-Parlament fl-adozzjoni tar-regoli dettaljati, u din ġiet appoġġata mill-Kummissjoni.
- Il-pożizzjoni tal-Kunsill introduċiet ukoll skedi taż-żmien speċifiċi għall-adozzjoni ta' bosta mill-atti ta' implimentazzjoni u delegati, u ddifferiet b'sena ż-żmien li fih l-Istati Membri jridu jibdew jaċċettaw l-informazzjoni regolatorja li tkun disponibbli b'mod

elettroniku mill-operaturi ekonomiċi. B'mod ġenerali, ir-risultat huwa bilanċjat għalkemm ambizzjuż. Dan jippermetti lill-partijiet ikkonċernati kollha – il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-atturi tas-settur privat – biex iħejju ruħhom u jwettqu fil-ħin l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

- L-aħħar iżda mhux l-inqas, il-pożizzjoni tal-Kunsill żiedet għadd ta' dettalji dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-punt fokali tal-valutazzjoni li għandha takkumpanja l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament, fi żmien erba' snin u nofs mid-data tal-bidu tal-applikazzjoni tar-Regolament. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tintalab tivvaluta l-inizjattivi possibbli li għandhom l-għan li jistabbilixxu:

a) l-obbligu tal-operaturi ekonomiċi li jużaw mezzi elettroniċi minflok il-karti sabiex l-informazzjoni regolatorja tkun disponibbli għall-awtoritajiet; u

b) l-interoperabbiltà u l-interkonnnettività bejn l-ambjent tal-eFTI u s-sistemi differenti użati attwalment mill-awtoritajiet biex jirreġistraw u jaċċessaw l-informazzjoni regolatorja li tinsab f'atti oħra tat-trasport tal-UE li ma kinux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dawn iż-żidiet huma konformi mal-għanijiet ta' politika tal-Kummissjoni, filwaqt li l-kontenut tat-test jibqa' konformi mal-prerogattivi istituzzjonali tal-Kummissjoni.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taqbel mal-pożizzjoni adottata mill-Kunsill fl-ewwel qari. Din il-pożizzjoni tirrifletti bis-sħiħ l-eżitu tan-negożjati bejn it-tliet Istituzzjonijiet. L-adozzjoni mill-Parlament Ewropew ta' dan it-test miftiehem fit-tieni qari se timmarka pass importanti lejn il-kisba tal-għanijiet komuni li jonqos il-piż amministrattiv, jitjieb l-infurzar tar-regoli u jitħeġġeġ it-teħid ta' passi deċiżivi min-naħa tas-settur tat-trasport u tal-loġistika lejn it-trasformazzjoni diġitali tant meħtieġa.